KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Seba LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 50 Tlieta 17 ta' Ottubru 2017

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-7:40 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Keith Cassar – Sindku
Rachel Tua – Kunsillier
Gianluca Busuttil- Kunsillier
Mario Sammut – Kunsillier
Karl Tanti – Kunsillier
Angele Rapa – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Mark Micallef Costa – Kunsillier
Joseph Gatt - Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Christian Borg – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
James Cassar – Viċi-Sindku

ASSENTI
Jesmond Gauci-Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Keith Cassar ippresjeda l-laqgħa.

50.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat kopja tal-*flight ticket* u qrat l-ittra ta' apoloġija ta' James Cassar u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.
Is-Sur Gauci għandu jippreżenta kopja ta' ittra mingħand l-*employer* peress li nqabad xogħol, biex l'assenza tiegħu skont il-minuti tal-laqgħa 42 nru. 42.1, tkun approvata.

50.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 48 u 49.

48.4.8 PAMA – Ktieb
Il-Kunsillier Frans Deguara staqsa dwar il-ktieb f'hiex wasal. Is-Sindku nforma lil kunsill, li l-awtur għadda xi ritratt biex jiżdiedu fil-ktieb. Il-printing ser jieħu ħsiebu l-PAMA.

48.4.3  Chick King

Il-Kunsilliera Maria Pia Bonnici, staqsiet jekk kienx hemm xi żviluppi peress li lis-skip qed jkun mimli. Ġiet infurmata li neħħa lis-skip għal ftit żmien, imma reġa poġġieh. Is-Sindku nforma li l-Gvern għandu jieħu azzjoni biex stabbilimenti tal-ikel jkollhom il-kollettur tagħhom. Is-Sindku ħa jiċċekja wkoll x'titlob il-*legal notice* fuq *skips*.

47.5.6 Youth Empowerment Centre u Day Care Centre

Il-Kunsillier Frans Deguara staqsa dwar jekk il-YEC konniex sibna kamra biex niprovdu għall-attivitajiet tagħhom. Is-Sindku nforma li l-kamra li kien beħsibna nippreparaw fuq, fejn is-sala, ma kienitx ser tkun addatata, aparti min hekk kellna wkoll problema fejn ħa nirrelokaw id-*Day Centre*, u spazju fis-sala m'hemx bl'attivitajiet li jsiru. Għalhekk ir-relokazzjoni qegħda *on-hold* sakemm il-Perit jlesti l-pjanti, u ġeddidna l-kuntratt tal-YEC u *Day Care Centre* għal-sena.

48.3.4 Transport Malta – Seminar Sustainability & Mobility Planning
Il-Kunsillier Karl Tanti, talab biex nerġaw nibgħatulu d-dettalji ta' dan is-seminar.

48.4.5  PAMA – Bankini

Is-Sindku nforma li s'issa bankini infaqna €15,000 min €230,000.
Se jsir xogħol fejn San Ġużepp, u s-Sindku staqsa biex jekk hemm xi bankini li l-Kunsilliera jixtiequ jressqu biex jitranġaw jew jsiru, biex jinfurmaw lis-Sindku bihom, pero' mhux ser jaċċetta proposti biex jsiru bankini quddiem xi dar jew oħra, imma li jsiru bankini min tarf sa tarf.
Ġew ssuġeriti wara St. Monica School, Triq Midbaħ u Triq Ġorġ Mitrovich.

48.4.10  Attivita għal-Milied

Is-Sindku nforma li fondi għal l-attivitajiet tal-Milied mhux ħa jkollna, peress li diġa bbenefikajna minn fondi għal Festa Qargħasel.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti Nru. 48 u 49.

50.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza

50.3.1 Parking – Coaches bit-turisti

Is-Sindku nforma li kellna laqgħa ma' Transport Malta, minħabba l-problema ta' *double parking* li jsir min *coaches* bit-turisti quddiem il-knisja. Fi żmien l'ex Sindku Shirley Farrugia kien ġie diskuss pjan biex jsir tip ta' *park and ride* fi Triq Difiża Ċivili, pero' waqt din id-diskussjoni kien ħareġ post ieħor li jista jkun viabli bħala *park and ride.* Din it-Triq kienet Vjal Indipendenza ħdejn il-kapella ta' San Silvestru 'u Triq il-Kbira.
Is-Sindku ssuġerixxa biex din l-idea terġa tiġi studjata.

### 50.3.2 Twinning – Erlach u Millbrae

Is-Sindku nforma li ltaqa' ma kopja residenti mil-Mosta, fejn s-Sinjur huwa mil-Mosta u s-Sinjura hija mill l-Iżvizzera. Dawn ir-residenti huma ħbieb tas-Sindku ta' Erlach li hija belt ġewwa l-Iżvizzera, u jixtiequ jagħmlu Twinning mal-Mosta.
Il-Kunsillier Gianluca Busuttil ħa jkun qed jieħu ħsieb il-korrispondenza dwar Twinning bejn il-Mosta u Erlach.

Il-Kunsillier Frans Deguara, rigward Twinning bejn il-Mosta u Millbrae, nforma li bħal issa hawn Malta hawn Louis Vella l-Konslu Ġenerali ta' San Fransisco, fejn is-Sur Deguara ħa jiltaqa' miegħu biex jibqa jinżamm il-kuntatt.

### 50.3.3 Tarmac Funds

Is-Sindku nforma li rigward il-fondi tat-tarmac mir-Reġjun, konna ħa nibbenefikaw minn €21,000, issa ġejna nfurmati li dan il-fond żdied għal €26,000. Bħala toroq ħa jsiru Triq il-Bajtar u Triq il-Bonnijiet, u jista jkun jifdal madwar €5,000 li ma tistax tagħmel triq bihom, għalhekk dak li jifdal ħa jintuża għal *major patching*. Is-Sindku nforma li xtaq jagħmel Triq Parjan, pero' dik waħeda kienet ħa tiswa madwar €45,000, u bil-fondi li ħa jkollna mhux biżżejjed biex jsir *tarmac* f'din it-triq.

### 50.3.4 Dwal - Knisja Rotunda

Is-Sindku nforma li fl'1996 bil-fondi ta' Ewropa Nostra kien sar agreement, u marbutin biex ssir maintenance fuq is-sistema tad-dawl tal-parti ta' fuq tal-koppla, fejn l'ispiża tal-*flood lights* ħa tkun ftit iktar mid-direct order ta' €1,250 + VAT, u ħa nkunu qed naqsmu il-pagament fit-tnejn. Il-membri preżenti unanimament approvaw.

### 50.3.5 Ċirkulari 20/2017-Reġistrazzjoni Skont l-Att dwar Taxxa fuq il-valur miżjud

Is-Sindku nforma li ġejna nfurmati biex napplikaw għal-ktieb tal-VAT. Għalhekk ċerti servizzi ħa jkunu taxxabli.

### 50.3.6 Email-Traffic and Shabbiness in the area of Independence Avenue

Is-Sindku nforma li rċevejna *email* mingħand is-Sur Joseph Howard rigward skart fiż-żona ta' fejn San Silvestru u Main Street. L-art msemmija hija art privata. Għalkemm is-sid ġie avviċinat fiż-żmien l-eks Sindku Shirley Farrugia, u anke minn Edwin Vassallo biex jżomm din l-art nadifa, xorta l-pubbliku jibqa kultant irresponsabbli u baqa' jintrema' ammont ta' żibel.

L-*owner* huwa dejjem responsabbli għal kull art privata biex tinżamm nadifa, għalhekk ħa nitolbu l'avukat tal-Kunsill biex tintbgħat ittra lil-Baruni biex jieħu passi u jirrimedja billi jnaddaf il-ħmieġ, u jtella *boundary wall* għal-benefiċju tiegħu biex jevita dan l-abbuż ta' *illegal dumping*.

Is-Sur Joseph Howard ilmenta wkoll fuq bosta vetturi pparkjati ta' *dealer* li joqgħod fl'inħawi. Pero' jekk dawn il-vetturi għandhom number plate u *road licence* mal-*windscreen*, mhumiex ipparkjati illegali, għalhekk ma nistawx nirrapurtaw lil-Pulizija biex jieħdu azzjoni.

### 50.3.7 Zebra Crossing ġewwa Triq il-Kungress Ewkaristiku

Is-Sindku nforma li rċevejna *email* mingħand is-Sinjura Maria Vella ssuġeriet biex *zebra crossing* fi Triq il-Kungress Ewkaristiku quddiem il-knisja, tiġi mressqa ftit metri l-fuq.
Is-Sindku nforma li fi żmien l'eks Sindku Ivan Bartolo kellna laqgħat ma' Transport Malta fejn tlabna biex *zebra crossing* titressaq ftit metri l'fuq, u għalhekk ħa nerġaw nagħmlu talba lil Transport Malta, kif wkoll biex ssir tabella *no left turn* (fejn Inglott), għal-*coaches, buses* u *heavy vehicles*.

### 50.3.8 Objection to new building in Dun Gwann Pullcino PA 7677/17

Il-Kunsilliera qablu li ssir *objection* jekk dejjem l'applikazzjoni tmur kontra l-*Local Plan*.
Is-Segretarju Eżekuttiv għanda titlob lil-Perit tal-Kunsill għal din l-informazzjoni.

### 50.3.9 Segretarju Eżekuttiv- Accumulation of Vacation Leave from 2017 to 2018

Il-membri preżenti unanimament approvaw.

### 50.3.10 Vetturi mingħajr registration plates.

Is-Sindku nforma li l-garaxx tal-pulizija m'hemmx post fejn jiġbru vetturi li jkunu ilhom snin fit-toroq ipparkjati mingħajr *registration plates* jew /u *road licence.*
Aħna bħala kunsill nistgħu nittowjaw u nfittxu lis-sid tal-karozza għal l-ispejjes, jekk is-sid ma jiġborx il-vettura l-Kunsill għandu dritt, wara żmien hekk kif inhu stipulat bil-liġi, biex jbigħ il-vettura f-irkant.

Pero' xorta tibqa il-problema li jekk il-Kunsill jipproċedi b'dan il-mod, ħa jkollu spejjes ta' *towing* u kirja tal-post fejn trid iżżomm il-vetturi, u għalhekk mhux viabli biex il-kunsill jieħu dan il-pass, speċjalment għal dawk il-vetturi li jiswew ftit flus, u tispiċċa tiġbor ftit Ewro.

Il-Kunsillier Karl Tanti, ipropona li nkelmu *scrap yard* biex naraw jekk nistawx nilħqu ftehim li fl-aħħar mil-aħħar ma jkunx għad-detriment bi spejjes għal kunsill.

### 50.3.11 Pjazza Sta. Margerita

Is-Sindku nforma li kien hemm uffiċjali mil-Planning Authority fejn kienu qed jimmarkaw il-perimetri tal-*boundary wall*.
Għalkemm il-Kunsill kien talab biex ssir *revision of local plan* u *revocation* tad-DNO, qatt ma rċevejna risposti, avolja l-kunsill reġgħa bagħat *reminders*.
Il-Kunsilliera qablu unanimament biex jinħareġ *press statement*, u jekk ma jkunx hemm *feedback* wara din il-*press statement*, terġa ssir protesta oħra.

### 50.3.12 Nota mis-Sindku

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li għalaq mitt ġurnata min kemm ilu Sindku u jittama li mexjin tajjeb. Talab lil Kunsilliera biex jiġbdulu l'attenzjoni jekk jaraw li mhux miexi sew fir-rwol tiegħu ta' Sindku.
Il-Kunsilliera Christian Borg u Jesmond Gauci għalqu mitt ġurnata wkoll fir-rwol tagħhom ta' Kunsilliera u Sindku awguralhom, kif wkoll awgurju doppju għal Kunsillier Christian Borg li għadu kemm sar missier.

Is-Sindku nforma li wkoll is-Segretarju Eżekuttiv għalqet sena, fejn wkoll miexja sew fir-rwol tagħha u awgura aktar ħidma fil-kunsill.

## 50.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 50.4.1 Old Mill Street kantuniera ma Independence Avenue

Il-Kunsillier Maria Pia Bonnici resqet ilment mingħand ir-residenti fejn hemm telqa u ħmieġ relatat ma *construction site*.
Is-Sindku nforma li din ġiet irrapurtata l-OHSA, fejn ħadu xi passi pero' iż-żibel għadu hemm. Is-Sindku nforma lis-Segretarju Eżekuttiv biex tikkomunika mas-Sinjura Roseanne Cutajar rigward *dumping sites*.

### 50.4.2 Bollards fi Triq il-Paroċċa.

Il-Kunsillier Maria Pia Bonnici staqsiet fuq il-Bollards li kellhom jsiru fi Triq il-Paroċċa.
Is-Sindku nforma li tlabna lil Transport Malta, għax ma fhemitx it-talba tal-Kunsill. It-talba kienet biex jsiru bollards li jkunu jistaw jinqalaw u jitpoġġew mir-residenti.

### 50.4.3 Siġra fi Triq San Pawl

Il-Kunsillier Maria Pia Bonnici resqet ilment mingħand ir-resident, u staqsiet fuq siġra li tinstab quddiem residenza fi Triq San Pawl. Is-Sindku nforma li għandu jkellem ir-residenta.

### 50.4.4 Triq ix-Xitwa

Il-Kunsillier Maria Pia Bonnici infurmat li kumpanija qabdet *security guard* biex joqgħod fit-tarf ta' Triq ix-Xitwa u ma jħallhiex nies jagħmlu *drop-off* u *pick-up* tat-tfal. Is-Segretarju Eżekuttiv għanda tmur tittawwal biex tara eżatt x'inhu jiġri, u għalxhiex qabel ma jsir rapport lil-Pulizija.

### 50.4.5 Ċekkijiet mhux imsarfa

Il-Kunsillier Karl Tanti staqsa dwar ċekkijiet li nstabu fi żmien l'eks Segretarju Eżekuttiv Alphonse Anastasi, u kif baqaw l'affarijiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsilliera li fil-bidu tagħha mal-kunsill meta bdiet, fiż-żmien l'eks Sindku Edwin Vassallo, l-kaxxa siġġilata biċ-ċekkijiet ġiet irriturnata lura l'uffiċju mil-Ispettur Nicholas Vella, u dipartiment kien ġie nfurmat.

Maż-żmien is-Segretarju Eżekuttiv ġiet infurmata li l-kawza għada għadejja (Insp. Abdilla fil-prezenza tal-Mag. Doreen Clark), u għalhekk ntbatet *email* lil l-Ispettur Abdilla u lid-dipartiment, peres li fl-opinjoni tas-Segretarju Eżekuttiv din il-kaxxa suppost qegħda depożitata il-qorti, la għadt hemm kawża għadejja.
Peres li l-Ispettur Abdilla ma irrispondhiex anke wara xi *reminders*, is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet *email* oħra, din id-darba lid-Dep. Kummissarju Silvio Valletta, pero' risposta reġgħet qatt ma waslet.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat wkoll lil Kunsilliera li dwar dan il-kaz żammet lid-dipartiment infurmat.

### 50.4.6 Ħarġiet tal-Kunsill

Il-Kunsillier Frans Deguara nforma li l-ħarġa li jmiss hija żjara Villa Rumana.
Is-Sur Deguara nforma lil Kunsilliera li l-programm għas-sena d-dieħla kwazi lest, u ħa jqassam il-programm peress li l-ħarġiet min-Jannar sa Lulju tas-sena dieħla huma konfermati.

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera Frans Deguara u Angele Rapa biex jsibu ġurnata għal ħarġa li ħa ssir Għawdex flimkien mal-kunsill ta' Kerċem. Il-Kunsilliera Deguara u Rapa nfurmaw li din ħa ssir fis-6 ta' Diċembru.

### 50.4.7 Mosta Solidali

Il-Kunsilliera Angele Rapa nfurmat li trid issir laqgħa relatata ma Mosta Solidali, mal-membri kollha. Il-Kunsilliera Rapa nfurmat li għanda tirċievi il-lista mingħand l'Onorevoli Ivan Bartolo peress li għadt m'għandiex l'ismijiet kollha.

### 50.4.8 Triq Nicolo Isouard

Is-Sindku nforma li fi Triq Nicolo Isouard saret ħsara fit-triq minn kuntrattur sforz it-tħaffir żejjed li għamel, fejn ċediet biċċa mit-triq u hemm tlett bejjiegħa tal-Monti li ma jistawx jarmaw.
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ltaqat ma l-avukat, biex tintbagħat ittra lil kuntrattur/sid tal-post biex jinżammu responsabli tal-ħsara, inkluz responsabli fuq terzi peress li tlett bejjiegħa tal-Monti qed jiġu jilmentaw il-Kunsill.

## 50.5 Rapporti

### 50.5.1 Proċedura fuq Ħruġ ta' No Objections

Il-Kunsilliera qablu li permessi relatati ma kostruzzjoni jsiru sa mhux aktar tard min ġurnata qabel, u permessi oħra sa mhux aktar tard min tlett ijiem qabel, peress li għal ċerti permessi jkun hemm bżonn li l-*handyman* jkollu bżonn jmur jiċċekja. Il-proċedura li ma jinħarġux permessi nhar ta' tnejn minħabba l-monti tibqa kif inhi.

F'certu okkażżjonijiet jinħarġu permessi skont iċ-ċirkustanzi.

### 50.5.2 Ħatra ta' Bord fuq Claims

Is-Sindku nforma li kellna laqgħa ma Transport Malta relatati ma *claims* fejn qasmu magħna il-kriterji li huma jużaw. Jekk l'individwu jiprovdi ir-*requirements* mitluba, u l-*claim* tkun ġustifikata, dawn għandhom jitħallsu. Transport Malta għandhom jibgħatulna kopja ta' *release claims form*, biex nkunu nistaw noħorġu u nimlew din il-formola meta titħallas *claim*.

Il-bord fuq il-claims ħa jkun magħmul mis-Sindku Keith Cassar, Il-Viċi Sindku James Cassar u l-Kunsilliera Rachel Tua.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tibgħat il-kriterji li ġew diskussi ma Transport Malta lil-bord, biex jkunu jistaw jimxu magħhom meta jiltaqaw biex jevalwaw il-*claims*.

50.5.3 Booking tas-sala

Is-Sindku nforma li qed jiġu għaqdiet, jew dipartimenti tal-Gvern biex jibbukjaw is-sala b'xejn. Il-Kunsilliera qablu unanimament li nibqaw nżommu l-minimum fee ta' €50 nofs ġurnata, €100 għal ġurnata, u €10 għal kull siegħa meta *booking* jkun inqas min nofs ġurnata. Bħala sala għal-kommunita relatata ma attivitajiet għal Mostin tibqa b'xejn, u/jew skont il-każ, *bookings* għad-DLG u OPM, jkunu b'xejn.

50.5.4 Adjudication Bord għal-tenders

Is-Sindku nforma li Ivan Bartolo ħa jiġi *replaced* mil-Viċi Sindku James Cassar.
Għalhekk il-bord ħa jkun magħmul mis-Sindku Keith Cassar, Viċi Sindku James Cassar, Kunsillier Mark Micallef Costa, u Segretarju Eżekuttiv Lorraine Templeman.

50.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

50.6.1 Skeda ta' pagamenti
Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

50.6.2 Purchase Orders
Il-purchase orders ġew diskussi u approvati unanimament.

50.6.3 Works Orders
Il-works orders ġew diskussi u approvati unanimament.

50.6.4 Petty Cash
Il-petty cash ġew diskussi u approvati unanimament.

50.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fid-9:00p.m. u ġiet aġġornata għas-6 ta' Novembru fis-7.30 p.m.

Konfermati llum 17 ta' Ottubru 2017.

IFFIRMATI
Keith Cassar
Sindku

IFFIRMATI
Lorraine Templeman
Segretarju Eżekuttiv